MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Numru 798/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**
**vs**
**Silvio Zammit**
**-Omissis-**
**-Omissis-**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**Silvio Zammit** ta’ 16-il sena, bin Joseph u Silvia *nee’* Borg, imwieled Pieta’ nhar l-1 ta’ Gunju, 1995 u residenti Joel, Triq Jean Houel Naxxar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 243395M;
**-Omissis-** ta’ 15-il sena, bin il-mejjet Ronald u Carmen *nee’* Aquilina, imwieled Pieta’ nhar it-18 ta’ Lulju, 1995 u residenti 26 Triq il-Fuhhar, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 16595M;

**-Omissis-** ta’ 14-il sena, bin Mark u Liliana *nee’* Zarb, imwieled Pieta’ nhar it-18 ta’ Gunju, 1997 u residenti 33, Punzjetta, Triq Santa Marija Naxxar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 235197M;

Nakkuza lil Silvio Zammit wahdu talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta’ Lulju 2011 ghall-habta ta’ 11:30p.m., waqt li kont fi Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta’ Settembru, Naxxar jew fi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin;

Ikkommetejt serqa ta’ mobile phone, tal-kulur iswed tal-ghamla Iphone, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jaqbizx l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin ghad-dannu ta’ Johanna Ebba.

**Nakkuza lil Silvio Zammit u Simon Peter Tonna**:
Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi lqajtu ghandkom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, u xjentement b’kull mod, indhaltu biex tbieghuhom jew tmexxuhom.

**Nakkuza lil Silvio Zammit u -Omissis-wahedhom:**
Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbejtu minghajr ma drabtu lil Erik Axel Svensson, Lovisa Magdalena u Erik Gustav Michael.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghek ikkagunajt biza lil Erik Axel Svensson, Lovisa Magdalena u Erik Gustav Michael li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta taghhom;

**Nakkuza lil -Omissis-wahdu:**
Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku

Din hija sentenza fil-konfront biss ta’ -Omissis- wahdu wara li kien sar separazzjoni tal-gudizzju fil-proceduri kontra t-tlett imputati;

Din il-Qorti semghet l-ammissjoni tal-imputat –Omissis-.

Rat l-atti tal-kawza u tqis l-ammissjoni bhala wahda ammissibbli u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 339(1)(d) u 251(b),

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat;

Tiddiciedi billi bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-imputat ghadu minorenni tnaqqas il-piena bi grad u ghalhekk tikkundannah ghal-twiddiba;

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kawza tkun deciza bil-procedura sommarja, tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------